# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 150**

**Citaz. numru: 2527/99 M1 NA**

**Nazzareno Ferriggi**

**vs**

1. **Sharon Mary Ferriggi**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Dr. Simon Galea Testaferrata u Prokuratur Legali Joanna Dingli b'digriet tal-4 ta' Jannar 2000 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Des'ree Dolores, Antonia Ferriggi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-18 ta' Novembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta Sharon Mary Ferriggi, fil-15 ta' Mejju 1992, liema zwieg tkisser irrimedjabbilment tant li l-partijiet jinsabu f'kawza ta' separazzjoni kontra xulxin u ilhom separati *de facto* sa mill-1997, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fl-1 ta' Gunju 1999, il-konvenuta martu welldet tarbija bl-isem ta' DES'REE, DOLORES, ANTONIA, ta' sess femminili, (Dokument "A") u din it-tarbija ghalkemm mhux wild ta' l-attur, giet xorta wahda registrata that ismu bhala missier it-tarbija;

Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza l-kontendenti Ferriggi kien ilhom separati *de facto* ghall-perjodu bejn it-tlitt mitt jum sal-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija msemmija;

Illi wkoll il-konvenuta martu kkommettiet adulteru ma' ragel iehor u minn testijiet genetici u xjentifici li jistghu jsiru fuq invit ta' din il-Qorti tista' tigi eskluza l-paternita' ta' l-attur ghat-tenur ta' l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi t-tifla bl-isem ta' DES'REE, DOLORES, ANTONIA FERRIGGI, li twieldet mill-konvenuta Sharon Mary Ferriggi fl-1 ta' Gunju 1999 (Dokument "A") mhix bint l-attur kif dikjarat fl-att tat-twelid numru 1859/99 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija w okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikolu 70 (1) (d) u (3) tal-Kodici Civili; u konsegwentement,

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' Des'ree, Dolores, Antonia Ferriggi, li jgib in-numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 1859/99 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "Eta'", "Fejn twieldu", "Fejn joqghodu" u "Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet", u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi – kontra l-konvenuta Sharon Mary Ferriggi. Il-konvenuti kollha ngunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-elenku tad-dokumenti.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-minuri b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-4 ta' Jannar 2000.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-4 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi:

1. “Illi dwar il-mertu ta’ l-azzjoni ta’ denegata’ paternita’ ezercitata fil-kawza odjerna, l-esponent f’dan l-istadju mhuwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-attur fic-citazzjoni, u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita’ li jintlaqghu t-talbiet ta’ l-attur, apparti l-korrezzjonijiet

mitluba minnu fl-att tat-twelid numru 1859/99, ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem "the said" mil-kolonna li taghmel riferenza ghad-dettalji dwar l-omm;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti trid tkun konvinta mill-provi migjuba qabel tghaddi biex tiehu decizjoni dwar il-kaz in ezami, u dan mhux biss stante l-fatt li s-separazzjoni li jirreferi ghaliha l-attur hija wahda *de facto* u mhux *de jure*, imma wkoll ghax tali decizjoni ser ikollha inevitabbilment effett determinanti fuq il-hajja futura tal-minuri Des'ree;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u ghar-ragunijiet suesposti, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li allura m'ghandux ibati spejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati tas-6 ta' April 2000 fejn iddikjaraw li ma

kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju iehor.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Sharon Ferriggi tat-2 ta' Mejju 2000 fejn eccepiet illi:

1. "Illi fl-interess tal-minuri, hi taqbel li t-tifla minuri ma hiex ta' l-attur izda ta' Richard Marmara;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 il-konvenuta giet mistiedna mill-Qorti taghmel it-test tad-D.N.A. izda dehrilha illi ma kellhiex tmur oltre l-ammissjoni minnha maghmulha fl-eccezzjonijiet taghha.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2000 xehdu l-attur u l-konvenuta Ferriggi, kif ukoll Richard Marmara, l-allegat missier tat-tarbija. L-attrici xehdet illi kienet ilha *de facto* separata minn mar-ragel sa minn Settembru tal-1997. Minn Marzu tal-1998 marret tghix il-Qrendi ma' Marmara. Hija qatt ma marret terga' tghix ma' zewgha u qatt ma kellha terga' x'taqsam mieghu. It-tarbija twieldet fl-1 ta' Gunju 1999. Dan

kollu huwa konfermat mill-attur li jsostni di piu' li t-twelid ta' din it-tarbija giet mohbija minnu.  Huwa kkonfermat ukoll mix-xhud Richard Marmara li jsostni li t-tifla hija tieghu u mhux ta' l-attur u li hu ilu jghix mal-konvenuta Sharon Ferriggi bhala ragel u mara sa minn Frar/Marzu tal-1998.

F'din is-seduta dawk il-partijiet li kienu prezenti ddikjaraw illi ma kellhomx provi aktar filwaqt illi l-konvenuti l-ohra ma dehrux kif ma dehrux ghas-seduti tas-16 ta' Frar, u 22 ta' Gunju 2001 u l-Qorti tifhem ghalhekk illi ma kellhomx provi xi jressqu.

Ikkunsidrat:-

L-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili fis-sub-incizi l-aktar rilevanti ghall-kawza odjerna jipprovdi fis-sub-incizi (1) (a) u (1) (b):

> "**70 (1)** *Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg -*
>
> *(a)   jekk jipprova illi, fi zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li*

*kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu.*"

Ta' rilevanza wkoll huwa s-sub-inciz (c) ta' dan l-Artikolu peress illi jirrizulta mill-provi f'din il-kawza illi l-konvenuta mhux biss "*ghamlet adulterju*" izda wkoll "*hbiet it-tqala*". Dan is-sub-inciz pero' jirrikjedi wkoll xi prova ohra fil-waqt illi l-Qorti jidhrilha illi hemm provi bizzejjed biex tirnexxi l-azzjoni attrici taht is-sub-incizi (a) u (b) partikolarment in vista ta' l-interpretazzjoni li qieghdha tinghata lil koncetti ta' "*impossibbilita' fizika*" u "*boghod*" fis-sens illi dawn ghandhom jinkludu dawk il-kazijiet kollha fejn il-koppja ma tkunx qed tghix flimkien u fejn jirrizulta mill-provi, bhal fil-kaz prezenti, illi ma kien hemm ebda kuntatt intimu bejniethom. Jirrizulta wkoll mill-provi f'din il-kawza illi fiz-zmien imsemmi fis-sub-inciz (a) l-attur u l-konvenuta kienu *de facto* separati.

Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti zzid biss (1) li ghalkemm li d-dikjarazzjoni biss ta' l-omm "*fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel*" wahedha mhux bizzejjed, mehuda ma'

cirkostanzi ohra ghandha wkoll ir-rilevanza taghha; u (2) li din l-azzjoni giet proposta fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 ta' l-istess Kodici Civili.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li t-tifla bl-isem ta' Des’ree, Dolores, Antonia Ferriggi li twieldet mill-konvenuta Sharon Mary Ferriggi fl-1 ta' Gunju 1999 mhiex bint l-attur kif dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 1859/99 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att ta' Twelid ta' Des’ree, Dolores, Antonia Ferriggi li jgib in-Numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 1859/99 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “Eta’”, “Fejn twieldu”, “Fejn joqghodu” u “Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet”, u minflok jidhol il-

kliem “unknown father” b'dan li ghandu wkoll jaghmel il-korrezzjoni mitluba fit-tieni eccezzjoni tieghu.

L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati mill-konvenuta Sharon Mary Ferriggi.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif rikjest mil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.